MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 693/2001/1

**Claudio Grech**

**vs**

**Gino Cauchi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fit-18 ta' April 2001 fl-ahbarijiet "One News" trasmessi fis-7.30 pm u fl-10.45 pm minn Super One Television, li tieghu l-konvenut Cauchi huwa l-editur registrat, gie imxandar kliem li jinsab traskritt fl-anness Dok A, li bihom gew attribwiti fatti determinati li huma foloz u malfamanti

fil-konfront tal-istanti bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi l-istanti, bhala l-parti malafamata u offiza, ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Art 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex: -

1. m’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-kliem imxandar fit-trasmissjoni surriferita huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponuh ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u

2. m’ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f’ ammont li ma jeccedix hames telef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b’ applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. illi x-xandira imsemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta’ l-attur, billi l-eccepjenti kien biss qieghed jezercita id-dritt tieghu bhala gurnalist li jinforma (diritto di cronaca) dwar incident fejn kienet involuta persuna li ghandha kariga pubblika;

2. illi l-ahbar kif waslet ghand l-eccepjent, u sussegwentement giet imxandra, kienet sostanzjalment korretta billi l-attur verament kien gie rapurtat mal-pulizija li waddab oggetti iebsin fil-pubbliku u li ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija;

3. fejn saru kummenti dawn kienu fic-cirkostanzi gustifikati *(fair comment)* u bazati fuq fatti sostanzjalment korretti u accettati f'socjetajiet demokratici bhala ezercizzju gurnalistiku mehtiegu fl-ezercizzju tal-liberta' ta' l-espressjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur u lill-konvenut u lix-xhiueda minnhom prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghall-ahbarijiet "One News" trasmessi fit-18 ta' April 2001 minn Super One Television, li tieghu l-konvenut Cauchi jirrizulta li kien l-editur registrat. L-attur jippremetti li f'dawn l-ahbarijiet gie imxandar kliem li bihom gew attribwiti fatti determinati li huma foloz u malfamanti fil-konfront tieghu bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

L-attur ikompli jippremetti li, bhala l-parti malafamata u offiza, ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Art 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk l-attur talab li jigi dikjarat li l-kliem imxandar fit-trasmissjoni surriferita huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u li jesponuh ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku u li konsegwentement il-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix hames telef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama u dana b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jispecifika illi fir-rapport imxandar gie allegat illi huwa li hu s-segretarju privat tal-Ministru Austin Gatt "fis-saghtejn ta' filghodu dahal b'karozza fi Strada Rjali u beda jitfa fliexken fid-direzzjoni ta' hwienet u l-hitan". Gie allegat ukoll li "il-karozza uzata minn Claudio Grech ghal dan il-ghan hija karozza mikrija mill-Ministru tal-Gustizzja bi flus il-poplu, bin-numru ta' registrazzjoni CAK 868" u li "… b' kollox hemm indikat li s-segretarju privat ta' Austin Gatt kiser il-ligi fuq zewg fatturi: waddab oggetti iebsin fil-pubbliku u ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija". L-attur ikkonferma li dawn l-allegazzjonijiet huma kompletament foloz u gew michuda ukoll kategorikament;

Il-konvenut qed jeccepixxi fl-ewwel lok li x-xandira in kwestjoni mhux libelluza fil-konfront ta' l-attur, billi huwa kien biss qed jezercita id-dritt tieghu bhala gurnalist li jinforma (diritto di cronaca) dwar incident fejn kienet involuta persuna li ghandha kariga pubblika. Fit-tieni lok jeccepixxi illi l-ahbar in kwestjoni kienet sostanzjalment korretta billi l-attur verament kien gie rapurtat mal-pulizija li waddab oggetti iebsin fil-pubbliku u li ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija. Finalment jeccepixxi li fejn saru kummenti dawn kienu fic-cirkostanzi gustifikati *(fair comment)* u bazati fuq fatti sostanzjalment korretti u accettati f'socjetajiet demokratici bhala ezercizzju gurnalistiku mehtiegu fl-ezercizzju tal-liberta' ta' l-espressjoni;

Fid-dikjarazzjoni l-konvenut jiddikjara li l-attur hu persuna b'kariga mal-Ministru tal-Gustizzja u dan il-fatt fih innifsu ghandu valur gurnalistiku. Jista jkun li mhux ic-cirkostanzi kollha kienu precizi, pero' s-sustanza tal-ahbar kienet korretta;

Fil-qosor il-fatti li jirrizultaw u li wasslu ghal din il-vertenza huma s-segwenti:-

(1) Fiz-zmien in kwestjoni l-attur kien is-segretarju privat tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvernijiet Lokali;

(2) Fis-16 ta’ April 2001, tard bil-lejl, l-attur kien il-Belt Valletta ma xi hbieb tieghu qed jiccelebra r-rebh tal-kampjonat tal-football da parti tal-iskwadra beltija;

(3) Ghall-habta tas-siegha ta’ bil-lejl l-attur, mal-hbieb tieghu, kien tiela fi Strada Repubblika sejjer lejn Misrah il-Helsien fejn kien halla l-karozza tieghu ipparkjata;

(4) Kif wasal hdejn il-knisja ta’ San Frangisk kien hemm persuna qed taghti bis-sieq lill xi fliexken li kien hemm ma’ l-art;

(5) Gie kuntistabbli tal-pulizija li kellem lill-attur b’mod mhux xieraq u cioe’ qallu kliem fis-sens li huwa, cioe’ l-kuntistabbli, kien jaf minn kien l-attur u fejn kien jahdem u hazin ikun ghall-attur jekk kien ghamel xi hsara;

(6) L-attur baqa sejjer u wahdu dahal fil-kaozza tieghu. Kif kien ser johrog minn Misrah il-Helsien giet karozza tal-Pulizija u minnha nizlu hames (5) pulizija;

(7) Wiehed minn dawn il-pulizija intima lill-attur biex izomm idu vizibbli u sabiex johrog bil-mod mill-karozza tieghu. L-attur gie ukoll intimat biex ipoggi idejh fuq is-saqaf tal-karozza tieghu sabiex saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-karozza. Din it-tfittxija tat esitu negattiv;

(8) L-attur gie mitlub imur l-Ghassa tal-Belt Valletta. Hemm kien hemm zaghzugh li seta kien l-istess il-persuna li l-attur kien ra qabel qed taghti bis-sieq lill xi fliexken li kien hemm ma’ l-art fi Triq ir-Repubblika;

(9) Ftit granet qabel kien inqala kaz fejn persuna li kienet tahdem fl-istess Segretarjat tal-Ministeru tal-Gustizzja kien qed jigi investigat mill-Pulizija. Din il-persuna kellha tirrezenja mill-karika li kellha;

(10) In konnessjoni ma dawn il-fatti l-attur kien gie mharrek quddiem il-Qorti kompetenti u akkuzat b'xi kontravenzjonijiet. L-attur kien gie liberat minn kull akkuza migjuba kontra tieghu;

(11) L-attur cahad li huwa f'x hin fl-imsemmi incident saq il-karozza li kien qed juza gewwa Triq ir-Repubblika. Din il-karozza kienet giet mikrija mill-ministeru li mieghu kien jahdem l-attur;

(12) Cahad ukoll li huwa qatt tefa xi fliexken jew xi haga ohra fid-direzzjoni ta' xi hwienet jew hitan. Cahad ukoll li huwa ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija;

(13) L-attur isostni li huwa dak il-lejl gie trattat b'mod arroganti mil-pulizija;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li kienu rcevew telefonata u gew infurmati li fil-Belt Valletta, waqt ic-celebrazzjonijiet ghar-rebh tal-kampjonat tal-football, fis-sighat bikrin ta' fil-ghodu, sehh incident illi wassal biex il-Pulizija zammet ghal xi hin, l-Ghassa tal-Belt, lill-attur li dak iz-zmien kien ufficcjal gholi fil-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali. Da parti ta' One News din l-informazzjoni giet konfermata mal-Ghassa tal-Belt Valletta. Sussegwentement ixxandret l-ahbar fis-sens li l-attur fis-saghtejn ta' fil-ghodu dahal b'karozza fi Strada Rjali u beda jitfa' fliexken fid-direzzjoni ta' hwienet u hitan. Gie rapportat ukoll li l-karozza uzata mill-attur kienet karozza mikrija mill-Ministeru tal-Gustizzja bi flus il-poplu. Ir-rapport kompla jghid li s-Segretarju Privat ta' Austin Gatt, cioe' l-attur, kiser il-ligi fuq zewg fatturi, u cioe' waddab oggetti iebsin fil-pubbliku, u ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija;

Ir-rapport kif imxandar jikkontjeni fatti li l-verita taghhom ma tirrizultax. L-istess rapport hu kategoriku f'certi asserzjonijiet li zgur ma jispettawx li ghandhom isiru minn stazzjon televiziv. Dan b'referenza fejn jinghad li l-attur u cioe' s-segretarju privat ta' ministru  kiser il-ligi u kiser il-ligi billi waddab oggetti iebsin fil-pubbliku u billi ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija;

Ghandu jinghad ukoll li gurnalista ta' Super One semmiet li qabel ma xxandret l-ahbar in kwestjoni huma kellhom kopja formali tar-rapport ufficjali tal-pulizija. Fl-opinjoni tal-Qorti ma jiirrizultax b'mod definittiv li dan ir-rapport kien ghand is-Super One qabel ma xxandret l-ahbar in kwestjoni. Jidher ukoll li fl-ahbar li xxandret kien hem informazzjoni li ma kinitx fir-rapport ufficjali. Inoltre xi ufficjali tal-pulizija xehedu li ghal-ewwel l-attur innega li kien tefa flixken pero' sussegwentement waqt li kien l-Ghassa huwa ammetta dan il-fatt. Tirrizulta pero' konflingenza f'dak li qalu dawn l-ufficjali tal-pulizija. Wiehed minnhom jghid li dawk li kienu qed jitfghu flixken lill-xulxin kienu in effett qed jiccajtaw bejnithom;

F'kawzi bhal presenti ghandu jinzamm bilanc bejn id-dritt, f'socjeta demokratika, li wiehed ighid u jesprimi ruhhu u jisemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu fuq naha wahda u d-dritt tac-cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu dejjem f'socjeta demokratika fuq in-naha l-ohra. Hemm ukoll id-dritt tal-gurnalista li jinforma lis-socjeta u d-dritt reciproku li s-socjeta tigi infurmata b'dak li jkun qed jigri. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati tghana. (Vide Vincent Borg vs Victor Camileri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta' Novembru 1994). Kull hadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghandu jghid, pero' tali liberta' ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ritenut ukoll li meta l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini ta' dak li hu ragjonevoli, allura ikun hemm minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor b'mod partikolari fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Vide Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1996);

Hawnhekk trid issir distinzjoni bejn “allegazzjoni ta’ fatt” u “kumment”. Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita’ tal-fatti, il-fatt ghandu jigi pruvat. Meta ssir difiza dwar kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kummentkien appuntu gust u mghamul in bona fede. Kumment ma jista qatt ikun gust u mghamul in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri;

Jirrizulta sufficjentement li l-kliem imxandar hu libelluz fil-konfront tal-attur. Dan il-kliem zgur li ma jistax jitqies bhala kumment gust b’mod partikolari ghaliex hu bbazat fuq fatti li mhux veri. Minhabba f’hekk ukoll lanqas ma jista jinghad li l-fatti in kwestjoni jikkonsistu f’rapportagg gurnalistiku dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta demokratika. Lanqas ma jista jinghad li l-ahbar in kwestjoni kienet sostanzjalment korretta. Ghalhekk l-eccezzjonijiet ghandhom jigu rigettati;

Fid-dawl ta dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li l-ahbar in kwestjoni li giet imxandra fl-ahbarijiet indikati hi libelluza u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

In vista tal-premess, tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tar-risultanzi u in vista tal-karika li kien jokkupa l-attur fi-zmien in kwestjoni in relazzjoni ma dak li gie allegat fl-ahbar in kwestjoni, l-ammont ta’ danni ghandu jigi likwidat fis-somma ta’ elf liri maltin (Lm1000);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara li l-kliem imxandar fit-trasmissjoni indikata fic-citazzjoni huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponuh ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku u konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf liri maltin (Lm1000) in linea ta’ danni

ghall-malafama u dana b' applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------